Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 238 / 2014

Il-Pulizija

(Spettur Anthony Agius)

vs

**Anthony Ellul**

Illum, 1 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Ellul, iben Frank, imwieled il-Kanada, fil-21 ta' Awwissu, 1961, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 517786(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bhala direttur tal-kumpanija Country Style (Malta) Limited (C20802) ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2005, 2006 u 2007 b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jew fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skond id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli thares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-30 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu in kwantu tirreferi ghan-nuqqasijiet tas-socjeta Country Style (Malta) Limited u kkundannatu multa ta' mitejn Euro (€200) u multa addizjonali ta' erbgha Euro (€4.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga' jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b' zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija; u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b' zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellanti Anthony Ellul minnu pprezentat fil-11 ta' Gunju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u sabiex fl-eventwalita` li tikkonferma l-htija tal-esponenti, li tvarja l-piena nflitta ghal wahda aktar ekwa u gusta skond il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

a. **<u>L-applikabilita` ta' l-Artikolu 13 tal-Interpretation Act.</u>**

Illi l-esponenti jikkontendi bir-rispett illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza taghha mertu ta' dan l-appell, ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi, senjatament fir-rigward tan-nuqqas ta' applikabbilita` tal-artiklu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni.

Illi preliminarjament jinghad illi l-esponenti, bir-rispett jikkontendi li s-sentenza citata mil-Ewwel Qorti ossia "Il-Pulizija vs Antonio Busuttil" deciza mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Dicembru 2012, ma ssibx konfort fl-intenzjoni tal-legislatur.

F' dik il-kawza, u allura fis-sentenza mertu ta' dan l-appell, jintqal li:

"F' dan il-kaz l-imputat qieghed jargumenta illi huwa osserva d-dispost tal-artiklu 13 tal-Interpretation Act illi ghamel minn kollox sabiex jassigura illi ma jsirx dan ir-reat u fi kwalunkwe kaz ma kienx jaf illi dan ir-reat qed isir. **Din il-Qorti taghmilha cara illi l-Interpretation Act ma tistax tigi applikata ghal din il-ligi peress illi din hija ligi specjali illi tkopri mizuri fiskali tal-Gvern u ghalhekk hija din il-ligi illi ghandha tigi applikata u mhux l-Interpretation Act**." [enfasi tal-esponenti].

Illi minkejja li l-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta huwa meqjus bhala ligi specjali, sabiex l-Artiklu 13 tal-Interpretation Act (Kap. 249) ma japplikax, **trid tkun l-istess ligi specjali li trid tipprovdi mod iehor.**

Hija din l-intenzjoni tal-Legislatur meta gie abbozzat l-Kap 249 tal-Ligijiet ta' Malta. Infatti, l-artiklu 2 (1) tal-Kap 249 jipprovdi:

"2. (1) F' dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"Att" tfisser Att tal-Parlament u kull Att ieħor mgħoddi mill-Leġislatura ta' Malta u tinkludi kull kodiċi, ordinanza, proklama, ordni, regola, regolament, bye-law, avviż jew dokument ieħor li għandu saħħa ta' liġi f'Malta barra minn kull dokument li għalih japplika l-Att tal-Parlament tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq imsejjaħ "The Interpretation Act, 1889";

Illi l-Artiklu 13 tal-Kap. 249 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi:

"13. Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f' xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur,

manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f' dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat:

Iżda, ħlief dwar reati taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'Att li fih hemm disposizzjoni li tixbah id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att."

Dan jfisser fil-prattika li fl-ordinament guridiku nostran, kieku wiehed kellu jaghmel kronolgija ta' importanza tal-ligijiet:

1. wara l-Kostituzzjoni ta' Malta,
2. wara l-Kap 14 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,
3. wara l-Kap. 460 tal-Ligijiet ta' Malta ossia l-Att dwar l-Unjoni Ewropea,
4. <u>jigi esattament l-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta,</u>
5. **imbghad wara** l-kumplament tal-ligijiet kollha inkluz l-Kap. 372.

L-argumentazzjoni tal-Qorti fis-sentenza citata, fil-prattika jfisser li l-*provisions* tal-Interpretation Act ma jistghu qatt jigu nvokati ghax b' xi mod jew iehor kull ligi hija wahda ta' natura specjali jew fiha nfisha jew fl-origini taghha!

Analizi tad-dibattiti parlamentari turi kif, il-legislatur fl-ebda hin u mument ma ried li b' xi mod l-Interpretation Act jkun applikabbli **BISS** ghal Kodici Kriminali, ghal Kodici Civili u/jew ghal Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kieku l-hsieb tal-legislatur in rigward l-applikabbilita` tal-Interpretation Act hija kif citat fis-sentenza ta' Busuttil, jfisser li per ezempju, kull ligi li nkitbet wara, trid *sine qua non* tinkiteb kemm fil-maskil kif ukoll fil-femminil, fl-istess nifs! Certament dan ma huwiex il-kaz. U ma huwiex il-kaz proprju ghaliex dejjem jirrenjaw id-

dispozizzjonijiet tal-Interpretation Act mil-mument tat-tfassil ta' ligi, sal-mument tal-implimentazzjoni taghha, sakemm l-istess ligi gdida ma tiddisponix xort' ohra.

**<u>Il-Kap. 372 fl-ebda mument ma jishaqq li l-Interpretation Act qieghed jigi eskluz.</u>**

Meta l-legislatur ried li jiddipartixxi mill-applikabbilita` tal-Interpretation Act, fl-Att tal-Parlament il-gdid, jkun hekk imfassal u ddikjarat. Bhal per ezempju meta gie mfassal l-artikolu 41(4) tal-Kap. 449 tal-Ligijiet ta' Malta fejn tinholoq procedura specjali in kwantu kif tista` tigi u meta tista` tigi nvokata d-difiza ta' *due diligence*. F' dan il-kaz, tenut kont li din il-ligi sepcjali tal-Kap. 449 tohloq kriterji godda, lil hinn mill-Att dwar l-Interpretazzjoni, naturalment, tirrenja din il-ligi, fil-kamp tal-ligi tas-sanita` u mhux l-Kap. 249!

Fil-prattika l-applikazzjoni zbaljata tal-artikolu 13 tal-Att. 249 wasslet ghaldaqstant ghal konkluzzjoni errata in kwantu d-dikjarazzjoni ta' htija tal-esponenti.

**b. <u>L-esponent ezercita' id-diligenza rikjesta taht l-Artiklu 13 tal-Kap 249;</u>**

Illi l-Artiklu 13 tal-Kap 249 jipprovdi:

"13. Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f' xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f' dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat **<u>kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat</u>**: **[sotto-linear tal-esponent]**

Iżda, ħlief dwar reati taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f' Att li fih hemm disposizzjoni li tixbah id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

Illi dan ifisser li jekk persuna li tkun direttur fi zmien li jkun sar xi reat taht l-Kap 372 dan jinstab hati tar-reat minhabba fin-nuqqas tas-socjeta`, madanakollu, l-Artiklu 13 tal-Kap 249 jipprovdi protezzjoni lil dak id-direttur li jkun ezercita id-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat u li reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha.

Illi fil-kaz odjern tas-socjeta' Country Style (Malta) Ltd id-direttur Harrie Purdie kien primarjament responsabbli mill-gestjoni tan-negozju, filwaqt li l-rwol tal-esponent kien dak ta' investitur.

Illi is-socjeta` kellha problemi ta' likwidita' u debiti fil-konfront ta' diversi kredituri, fosthom il-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Di fatti, l-esponenti stante li gie nfurmat mid-direttur l-iehor li kien hemm problemi ta' likwidita id-depozita s-somma ta' Lm 200,000 u dan qabel ma effettivament sar direttur huwa stess tas-socjeta` de quo.

Illi ghandu jigi nnutat ukoll li d-direttur u azzjonista l-iehor ossia Purdie, kellu huwa ukoll jinvesti ammont ekwivalenti ghal dak li kien investa l-esponenti. Pero` dan qatt ma sar, u kien biss l-esponent illi investa l-ammont biex jinqghatu l-hlasijiet pendenti.

Illi l-esponenti kien ta' l-ordni lid-Direttur Harrie Purdie biex juza il-Lm200,000 sabiex jhallas l-ammonti kollha dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni relattiv ghad-dokumenti anwali tal-FS3 U FS5.

Madanakollu fl-2005 id-direttur Purdie sparixxa minn Malta u ma deherx iktar. L-esponenti, fis-sena 2005, gie infurmat mill-Awditur tas-socjeta` li l-hlasijiet pendenti ma kienux saru u l-flus li l-esponent kien investa sabiex minnhom issiru hlasijiet baqu ma ntuzawx minn Purdie ghal l-iskop originali taghhom.

Tenut kont ta' dawn ic-cirkustanzi huwa car u manifest li l-esponent ezercita id-diligenza kollha xierqa biex jigi evitat l-eghmil tar-reat. Mill-atti tal-kawza huwa car li ingiebu diversi reperti li kkorroboraw ma' dak li qieghed jishaq bir-rispett l-esponent.

**c.** **<u>d. L-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 fuq il-persuna responsabbli.</u>**

Gustament il-proviso ta' l-Artiklu 23 (13), jipprovdi li r-reat jibqa' jezisti "sakemm min jaghmel ir-reat . . ."

"Dawn il-kliem ifissru illi r-responsabilta tad-direttur jew min **<u>ghandu fuqu rresponsabilta'</u>** illi jottempra ruhu mal-provvidimenti tal-Kap. fuq imsemmi 372 jibqa responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spicca minn direttur. " [sottolinear tal-esponenti]

Dan jfisser li l-legislatur f' dan il-kuntest, ma kienx qieghed jinvoka l-*vicarious liability* ghal kull persuna li tokkupa l-kariga ta' direttur fil-mument ta' ksur ta' din il-ligi – anzi l-oppost! Ried il-legislatur, [gustament bhal ma tghallem is-sentenza citata], li jkun *prosecutable at law and liable for punishment at law*, dik il-persuna li kienet responsabbli mil-hlas tal-istess somom lid-dipartiment koncernat.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jargumenta li kull persuna li tokkupa kariga ta' direttur, effettivament iggor din ir-responsabbilita`, pero bir-rispett huwa zbaljat.

Analizi tad-dispozizzjonijiet li jikkreaw il-pieni, turi u tghallem kif mhux biss jehtieg li jigi ppruvat il-culpa tal-persuna hekk responsabbli, izda ukoll, proprju sabiex trazzan lil dik il-persuna milli aktar il-quddiem tagixxi b' mod bi ksur ta' din il-ligi, fuqu timponi piena ta' prigunerija, second time round u ghalhekk hemm l-obbligu tal-artikolu 49(2) tal-Kap. 372.

L-insistenza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li kull min huwa direttur huwa awtomatikament responsabbli, hija bir-rispett pwerili. Dan ghaliex meta l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni johrog letter to prosecute kontra l-bord tad-diretturi kollha ta' kumpanija wahda, fil-mument li wiehed minnhom jassumi r-responsabilita` ta' dak in-nuqqas ta' agir u quindi jammetti, immedjatament jirtiraw l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-kumplament tal-membri tal-Bord tad-Diretturi! L-

istess gara lill-esponenti bhal ma ser ikollu l-opportunita` li jispjega fil-kors tax-xhiedha tieghu u bhal ma certament ser jkun ikkonfermat mill-istess Dipartiment!

Fil-kaz odjern, l-esponenti pprova sal-grad tal-probabbli, li effettivament ma kienx huwa l-persuna responsabbli mil-hlasijiet dovuti u wisq anqas mil-mili tal-formoli relattivi.

Tenut kont ukoll li hawn si tratta ta' culpa, lanqas ma rnexxielha l-prosekuzzjoni f' dan il-kaz ma tilhaqq il-livell tal-prova minnha mistenni li effettivament uriet certa nonkuranza u/jew traskuragini da parti tal-esponenti vis-a-vis l-Kap. 372!
Anzi gara l-oppost. L-esponent ipprova li huwa ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jigi evitat l-ghemil tar-reat ad oppost tal-culpa lilu attribwita. Mill-atti tal-kawza huwa car li ingiebu diversi xhieda li kkorroboraw dak li qieghed jishaq l-esponent, stante li dan gie ikkonfermat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

**d. <u>Applikabilita' tal-Artiklu 21 tal-Kap 9</u>**

Minghajr pregudizzju ghas-su espost aggravji, l-esponenti jishaqq li fl-eventwalita` li huwa jistab hati , minhabba ic-cirkostanzi tal-kaz odjern, fejn l-esponent investa Lm 200,000 sabiex jithallsu l-pendenzi mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, pero` dan qatt ma sehhx peres illi d-direttur l-iehor li kien jiehu hsieb l-gestjoni tal-kumpanija sparixxa, jemmen li jista` jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali.

Illi stante l-fatt li l-esponent kien fid-dlam u qatt ma gie nfurmat dwar dokumenti finanzjarji tas-socjeta, l-esponent qatt ma setgha jkun jaf x' kien ghaddej fis-socjeta` u dwar l-agir tad-direttur Harry Purdie fil-gestjoni tal-istess socjeta`.

Illi meta id-direttur l-iehor sparixxa fl-2005 l-esponent kellu jiehu f' idejh it-tmexxija tal-istess socjeta`. Kien f' dak iz-zmien li gie nfurmat mill-Awditur tal-kumpanija li kienu jezistu pendenzi fiskali fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. L-esponent waqt li kien qed jiehu hsieb il-gestjoni ta' din is-socjeta' , bejn l-2005 u l-2007, dejjem ezercita l-ahjar mod li setgha biex id-dokumenti anwali u t-taxxa dovuta lill-Kummissarju jigu mhallsa fil-hin.

L-esponent filwaqt li pprova jkompli jopera bl-ahjar mod li seta' , madanakollu minhabba l-problemi ta' likwidita li kellha s-socjeta` tort attribwibbli biss lil Purdie, din qatt ma setghet tirkupra infatti kellha twaqqaf l-operat taghha fl-2007.

Illi minhabba dawn ic-cirkostanzi l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tapplika l-Artiklu 21 tal-Kap 9 fl-eventwalita` ta' sejbien ta' htija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. L-appellant kien wiehed mid-diretturi ta' Country Style (Malta) Limited u dan sat-28 ta' Mejju 2012[1] meta rrizenja fil-mori ta' dawn il-proceduri;

2. Illi ghalkemm gew sottomessi l-FS7 u L-FS3 ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2005, 2006 u 2007, il-hlasijiet ma sarux kollha[2];

3. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant bhala direttur tal-kumpannija Country Style (Malta) Limited.

Illi din il-Qorti sejra in succint taghmel referenza ghal provi prodotti. Fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2012 gietipprezentata letter to prosecute bhala AA1 sabiex il-Pulizija

[1] Skont ix-xhieda ta' Angela Fenech Zammit in rapprezentanza tal-Malta Business Registry moghtija fil-11 ta' Gunju, 2020
[2] Skont ix-xhieda ta' Stephen Azzopardi moghtija fil-hdax (11) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020)

jipprocedu kriminalment kontra Anthony Ellul ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Country Style (Malta) Limited (C 20802) registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bin-numru tal-P.E. 722343 talli naqas li jibghat lil Kummissarju tat-Taxxi Interni l-formoli tat-taxxa (FS3, FS7 u FS5 inkluz kull pagament ta' taxxa u ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurta socjali dovut ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2005, 2006 u 2007.

Xehdu **Stefan Azzopardi u Angela Fenech Zammit** in rapprezentanza tal-MFSA fl-istess seduta izda x-xhieda taghhom mhijiex traskritta. L-imputat xehed fit- 12)ta' April 2013 u prezenta dokumenti Dok AE1 sa AE5. Ix-xhieda tieghu moghtija quddiem l-Ewwel Qorti ukoll mhijiex traskritta. Ghaldaqstant, din il-Qorti kellha terga tisma x-xhieda mill-gdid. Stante li kif inghad ix-xhieda moghtija quddiem l-Ewwel Qorti mhijeix traskritta, din il-Qorti mhijiex tistrieh fuq ir-referenzi ghax-xhieda maghmulha fis-sentenza appellata izda sejra tistrieh fuq ix-xhieda mressqa quddiem din il-Qorti.

Quddiem din il-Qorti diversament preseduta xehed **Stefan Azzopardi** fil- 15 ta' Lulju 2015 Din ix-xhieda izda ma tirrigwardax dan il-kaz. Giet ipprezentata ukoll nota a fol 61 prezentata mill-Kummissarju tat-Taxxi dwar impjegati li kellha s-Socjeta Salamander Janitor Services Lmited, ghalhekk din hija ukoll irrelevanti ghal dawn il-proceduri stante li dawn il-proceduri jirrigwardaw s-socjeta' Country Style (Malta) Limited.

**Stephen Azzopardi** quddiem din il-Qorti xehed fil- 11 ta' Gunju 2020. Xehed li jirrapprezenta d-dipartiment tal-Inland Revenue. Xehed li '*Il-kumpanija Country Style għandha l-PE number 722343. Mela f'dan ir-rigward fuq din il-kumpanija, fuq dan il-PE number id-dokumenti l-FS 7 u l-FS 3 ġew submitted kollha fuq isosnin li qed ngħidu 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2005, 2006 u 2007. Id-default fuq kull sena hija li jew ma surux l-ebda' pagamenti tal-FS 5 jew saru xi wħud żgħar u allura baqa' bilanċi fuq kull sena.*' Xehed li '*fejn jidħlu l-FS 5, pagamenti tal-FS 5 fuq 1998 saru żewġ pagament għal Frar u Marzu, fit-2002 sar pagament fuq Diċembru u li kien ukoll late payment, 2005 saru pagamenti għal Jannar u Frar u l-bqija fuq is-snin l-oħra ma sar l-ebda pagament. Dawn duppost l-FS 5 jitħallsu kull xahar.*' Mistoqsi kif baqa, jekk halashomx qal li '*Le la t-taxxa u lanqas il-*

*bolla tal-ħaddiema minn dak iż-żmien lil hawn ma nbidel xejn.*' Xehed li d-dokument a fol 11 huwa letter to proecute.

Xehdet **Angela Fenech Zammit** fil- 11 ta' Gunju 2020 in rapprezentanza tal-Malta Business Registry. Spjegat li l-kumpannija giet ifformulata fid- 29 ta' Novembru 1996. Ikkonfermat li minn dakinhar meta giet regisrata l-kumpannija huwa kien direttur. Ir-rizenzja giet effettiva fit- 28 ta' Mejju 2012. Minn 1996 sa dik il-gurnata dejjem hu kien id-direttur. Qalet li kien hemm diretur iehor u rrizenja ukoll. Xehdet li '*Meta ġiet inkorporata d-Direttur kien Anthony Ellul u Hentry Barckley Purdy u r-riżenja on the 20th May, 1997.*' Meta mistoqsija dwar jekk Henrey Burckley ghadu diretur, qalet li ghandha Form K li rrizenja. Mistoqsija dwar jekk rega dahal minn 1997 qalet li trid ticcekja karta karta. Aktar il-quddiem fix-xhieda taghha tghid li fittxet u tahseb li ghandha zball.

Din il-Qorti tqis li minn din ix-xhieda ma jirrizultax car minn meta sa meta kien hemm direttur iehor izda jirrizulta li l-appellant kien direttur sat- 28 ta' Mejju 2012.

Xehed l-imputat **Anthony Ellul** fis-seduta tal- 11 ta' Gunju 2020 fejn spjega li '*Mall-Country Style jiena dħalt fil-bidu bħala shareholder. Obviously peress li ... Harry Perdy kien foreigner il-liġi ma' kientx tagħti dak iż-żmien li foreigner ikun just a director on his own, allura jiena dħalt direttur proprjament share holder and director mall-Country Style.*' Dak iz-zmien kien direttur ma' Harry. Jghid li '*Harry Perdy kellu jirranja l-kumpanija tal-Country Style.*' Huwa kien infurmat li kien hemm xi problemi fil-finanzi tas-socjeta' Country Style. Spjega li '*Jiena ġejt infurmat qisu kienu late 1999/2000, ġejt infurmat mill-wieħed mill-meetings li kien hemm u l-awdituri ġibduli l-attenzjoni li financially the company is in trouble u I think it was late 1999 early 2000.*' Mistoqsi x'hin sar jaf li hemm dawn il-problemi finanzji, x'pass hadet minn naha taghha qal li '*l-awdituri jiġifieri talbu li obviously jsir cash injection fil-kumpanija. Jiena u Harry Perdy the managing director iddeċidejna li we will support it, which obviously was the wrong decision pero' we did support it. Jiena bħala Anthony Ellul kelli nissellef il-flus biex insalvaw ftit minn din il-kumpanija li kien hemm u Harry Perdy kien aċċerta l-banek u kien aċċerta lili nnifsi wkoll u l-awdituri li suppost li with the cash injection li hu kellu jagħmel wkoll li ma għamilx, kellha*

*tissalva l-kumpanija bażikament.*' Jghid li ghandu l-accounts li ghamel il-cash injection u fejn gie maqbul dan. Jghid li prezentati fl-atti, 2001.

In kontro-ezami xehed li Harry Perdy kien l-Executive branch '*daħal f'Country Style to run the company to operate it.*' Xoghol l-appellant kien ta' investor, kien ghamel cash injection ta' LM220,000.00. Mistoqsi jekk dawn anke biex jithallsu t-taxxa dovuta lid-Dipartiment tat-Taxxa, wiegeb li '*Meta ġew kwantifikati l-awdituri, meta għamlu l-quantificaiton, at the time, the amount devoted to the national security was not the amount that was indicated to us, to both myself and Harry Perdy. The company was ... in other words the national insurance was a small amount compared to the amount of debt that was existing, so we cash injected to the amount of debt that was existing, so we cash injected sewwa the 220,000.00 plus there needed to be another 125,000.00 to cover the whole debt. It was agreed that I would pull out the 220,000.00 which I loaned sewwa, and Harry Perdy was supposed to bring in another 120,000.00, so the amount ... in other words, if the amount that was told to us from the auditors etc. Etc. by Harry Perdy today there would not be any debt. But I have to continue tha the debt only grew instead of reduced.*' Il-cash injection ta' 220,000.00 giet trasferita lil kumpanija Country Style. Mistoqsi '*Imma jiġifieri, imma ħadt ħsieb inti li tara li dawn id-debts li kellhom attwalment jitħallsu ...*' wiegeb '*No, no*'. Halla f'idejn Perdy u l-istaff ta' Perdy. Jghid li '*when this occured prior to all of this, Harry Perdy had full control of the company, it was his job.*' Mistoqsi jekk assigurax li wara li ta' s-somma tal-flus li d-dejn beda jithallas qal '*No, no that's were being paid.*' Mistoqsi jekk meta kien direttur qatt iccekja jekk kienx hemm xi pendenzi mad-Dipartiment tat-Taxxa wiegeb li 'Yes *I checked with the auditors.*' Jghid li dik l-unika facilita' li kellu u l-awdituri qalulu li kien baqa' dejn. Ikkonferma li rigward taxxa staqsa u qalulu li kien baqa pendenzi.

In ri-ezami mistoqsi dwar li Perdy kien Executive Director, jekk kien hemm training biex thaddem franchise, qal li Harry Perdy mar 6 gimghat training course li kien mandatorju u li kien hemm zewg persuni li hadu training course ukoll u li kienu gew il-kanadizi peress li hija franchise biex jitrainjaw fiha. Huwa qatt ma ha.

Ikkunsidrat;

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-applikabilita' tal-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni. Jissottometti li l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi, senjatament fir-rigward tan-nuqqas ta' applikabilita' tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni. Saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'IL-Pulizija vs Antonio Busuttil**[3] fejn l-appellant jissottometti li ma ssibx konfort fl-intenzjoni tal-legislatur. Jissottometti li sabiex l-artikolu 13 tal-Interpretation Act ma japplikax, trid tkun l-istess ligi specjali li trid tiprovdi mod iehor. Jaghmel sottomissjonijiet dwar il-kronologija ta' importanza tal-ligijiet u cioe' wara l-Kostituzzjoni ta' Malta, wara l-'*Kap 14*' tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, wara il-Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta' Malta ossia l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, jigi ezattament l-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta, imbaghad wara l-kumplament tal-ligijiet kollha inkluz l-Kap. 372. Il-Kapitolu 372 fl-ebda mument ma jishaq li l-Interpretation Act qieghed jigi eskluz.

L-artikolu 15 tal-Avviz Legali 88 tal-1998 u cioe' ir-Regoli ta' l-1998 dwar Final Settlement System (FSS) jipprovdi li:

*'(1) **Kull pagatur għandu**, sal-aħħar ġurnata tax-xogħol tax-xahar li jiġi minnufih wara dak ix-xahar li matulu jkun ħallas emolumenti, jagħti lill-Kummissarju l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa jew li kellha titnaqqas minn dawk l-emolumenti skond dawn ir-regoli.*

*(2) Ir-rimessa li hi dovuta li ssir lill-Kummissarju taħt il-paragrafu (1) ta' din ir-regola għandha tintbagħat mill-pagatur flimkien ma' dak it-tagħrif li jkun meħtieġ li jingħata fuq il-formola msemmija fir-regola 20 ta' dawn ir-regoli li għandha timtela u tiġi ffirmata mill-pagatur.*

*(3) Jekk ir-rimessa meħtieġa li ssir skond il-paragrafu (1) ta' din ir-regola ma tasalx għand il-Kummissarju sad-data dovuta, jew inkella, jekk l-ammont imħallas ikun inqas minn dak li kien dovut li jitħallas, il-Kummissarju għandu jiddeċiedi skond l-aħjar fehma tiegħu x'kellu jkun l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa li kellu jitħallas mill-pagatur u jinnotifikah b'avviż ta' nuqqas ta' tħaris skond ir-regoli 24 ta' dawn ir-regoli li bih jitolbu jħallas, b'żieda ma'*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Dicembru 2012

*kull taxxa addizzjonali imposta bl-istess avviż, l-ammont jew id-differenza, skond il-każ, f'dak iż-żmien li jiġi hekk indikat f'dak l-avviż.'*

"pagatur" f'dan l-Avviz Legali ifisser '*kull persuna li tħallas l-emolumenti, jew li tħallas, jew li jkollha tħallas, emolumenti kemm akkont tagħha jew f'isem xi persuna oħra u tinkludi Dipartimenti tal-Gvern, persuni fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, korporazzjonijiet pubbliċi u l-uffiċjali tagħhom, u korpijiet ta' nies oħra u l-uffiċjali tagħhom;*'

Fl-Avviz Legali 297 tal-2001 tnizzel li "*fit-tifsira ta' "pagatur" minflok il-kliem "li tħallas l-emolumenti" għandhom jidħlu l-kliem "li tħallas l-emolumenti jew li titqies li tħallas l-emolumenti skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income jew ta' regoli magħmulin taħt dak il-paragrafu";*'

Ir-regolamenti 29 u 30 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14 jipprovdu li:

'*29. Meta żewġ persuni jew aktar jitqiesu li flimkien huma l-pagatur dwar xi payee għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet imposti fuq pagaturi b'dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li ġew imposti fuqhom solidalment.*

*30. Il-manager, uffiċjal prinċipali ieħor jew stralċjarju ta' xi korp ta' persuni ikun personalment responsabbli għal kull ħaġa li tkun meħtieġa li ssir taħt dawn ir-regoli minn jew f'isem dak il-korp ta' persuni*'

Mix-xhieda ta' **Angela Fenech Zammit** moghtija fil- 11 ta' Gunju 2020 in rapprezentanza tal-Malta Business Registry jirrizulta li Anthony Ellul kien id-direttur minn meta giet formulata l-kumpanija fid- 29 ta' Novembru 1996 u r-rizenja giet effettiva fit- 28 ta' Mejju tas-sena 2012. Ghalkemm jirrizulta li kien hemm direttur iehor, ma jirrizultax car meta rrizenja jew jekk ghadux direttur sal-lum il-gurnata. Nonostante l-fatt li l-Memorandum and Articles of Association ma gewx pprezentati, ma hemmx kontestazzjoni li l-appellant kien wiehed mid-diretturi fiz-zmien in kwistjoni.

Fis-sentenza fl-ismjiet **'Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) Vs David Agius'**[4] b'referenza ghar-regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14 gie kkunsidrat li:

'*Dan ghaliex minn qari tad-disposizzjonijet tal-Legislazzjoni Sussidjarja hawn fuq iccitata*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru, 2018 (Appell numru: 113/2013)

*jirrizulta illi l-legislatur ried ighabbi lid-direttur u l-manager, jew funzjonarji ohra ta' socjeta' kummercjali bir-responsabbilta ghal hlas tal-erarju pubbliku, kif ukoll ghall-obbligi l-ohra fiskali.'*

Skont il-letter to prosecute li tinsab a fol 11 tal-atti processwali jirrizulta li s-socjeta' Country Style (Malta) Limited kienet registrata mal-Kummissarju tat-taxxi interni bin-numru tal-P.E. 722343. L-appellant ghalhekk bhala wiehed mid-Diretturi ta' din is-socjeta' fis-snin indikati fic-citazzjoni jaqa' taht id-definizzjoni ta' pagatur.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza msemmija fl-appell li giet citata mill-appellant b'disapprovazzjoni. Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) Vs Antonio Busuttil'**[5] ikkunsidrat li:

'*Huwa pacifiku u inkontestat li l-imputat Antonio Busuttil kien direttur tas-socjetà Marsalite Limited matul is-snin indikati fl-akkuza. Hu wkoll pacifiku u inkontestat illi bhala direttur, l-imputat Busuttil kien responsabbli biex jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni d-denunzji tat-taxxa u l- hlas relattiv ghall-istess snin indikati fl-akkuza – xi haga illi huwa naqas milli jaghmel.*

*Il-fatt illi huwa kien qed jiehu hsieb is-sales u kien hemm haddiehor jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-kumpanija ma tbiddilx din is-sitwazzjoni. L-arrangamenti interni fil-kumpanija hija xi haga personali tad-diretturi u ma taffettwax id-drittijiet statutorji tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi ghandu dritt idur fuq kwalunkwe direttur jekk jirrizulta xi nuqqasijiet fil-kumpanija. Ghalhekk huwa inutli illi l-imputat jargumenta illi huwa kien fuq sales jigri barra u l-gestjoni tal-kumpanija kienet f'idejn haddiehor u li qatt ma ssemma xi problemi mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-laqghat li kien ikollhom tal-kumpanija peress illi dawn huma affarijiet interni tal-kumpanija li ma jaffettwawx id- dritt tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li ghandu dritt idur fuq kwalunkwe direttur jekk jirrizulta nuqqas ta' hlasijiet dovuti lill-Kummissarju.*'

Dwar l-applikabbilita' o meno tal-artikolu 13 tal-Intepretation Act, fl-istess sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) Vs Antonio Busuttil'**[6] gie kkunsidrat li:

'*F'dan il-kaz l-imputat qieghed jargumenta illi huwa osserva d-dispost tal-artiklu 13 tal-Interpretation Act illi ghamel minn kollox sabiex huwa jassigura illi ma jsirx dan ir-reat u fi*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Dicembru, 2012 (Appelli numri 162/2012 u 180/2012)
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Dicembru, 2012 (Appelli numri 162/2012 u 180/2012)

*kwalunkwe kaz ma kienx jaf illi dan ir-reat qed isir. Din il-Qorti taghmilha cara illi l-Interpretation Act ma tistax tigi applikata ghal din il-ligi peress illi din hija ligi specjali illi tkopri mizuri fiskali tal-Gvern u ghalhekk hija din il-ligi illi ghandha tigi applikata u mhux l-Interpretation Act. Direttur ta' kumpanija, sew jekk ikun fl- amministrazzjoni, sew jekk ikun fuq is-sales, ghandu l-obbligu illi jassigura illi d-drittijiet statutorji tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigu osservati u mhiex skuza illi tghid illi kien hemm persuna partikolari sabiex tiehu hsieb l- amministrazzjoni u d-dokumenti tas-socjetà. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax ticcensura lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi ghazel illi jfittex lill-imputat ghal dawn ir-reati flok direttur iehor.'*

Simili ghal dan, fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) Vs David Agius'**[7] gie kkunsidrat li:

*'Illi l-appellant izda jikkontendi illi huwa ma kienx il-persuna responsabbli ghall- obbligi fiskali kif hawn fuq imfissra u dan ghaliex kien id-direttur Nazzareno Cauchi li kien responsabbli għall-amministrazzjoni u għall-aspetti finanzjarji tal-kumpannija. Jishaq illi hu kien biss responsabbli għal aspett ta' manifattura u kien biss lejn l-aħħar meta s-sitwazzjoni finanzjarja kienet waħda prekarja, li l-appellant kien indaħal sabiex jipprova jsolvi il-pendenzi fiskali, inkluz allura li isiru l-prospetti tal-FSS kif ukoll li jsir il-hlas relattiv. Jishaq inoltre illi l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta taghtiħ komfort u essenzjalment teżoneraħ mir-responsabbilta' penali għar-raġunijiet imfissra minnu u kwindi ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti meta stqarret li l-artikolu 13 tal- Kapitolu 249 ma japplikax għal dan il-każ in vista tal-fatt li skond l-Ewwel Qorti l-liġi tat-taxxa hija ligi specjali li tissupera d-disposizzjonijiet generali li jirregolaw is- socjetajiet kummercjali.*

*Illi huwa bil-wisq evidenti mid-disposizzjonijiet tal-ligi hawn fuq iccitati illi l- appellant ma ghandux ragun f'dan l-aggravju minnu intentat. Ir-responsabbilta tal- "pagatur" tohrog mill-ligi specjali li tirregola il-Final Settlement System. Illi fuq kollox d-decizjoni mpunjata ma ghamlitx referenza ghad-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, izda strahet fuq il-gurisprudenza u d-duttrina li titkellem dwar ir-responsabbilita' penali tad-direttur ta' socjeta' kummercjali u dan meta fost ohrajn issir referenza ghad-decizjoni Il-Pulizija vs Antonio Busuttil deciza minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-06 ta' Dicembru 2012, fejn kienet involuta l- istess socjeta' kummercjali.*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru, 2018 (Appell numru: 113/2013)

*Dan għaliex minn qari tad-disposizzjonijet tal-Legislazzjoni Sussidjarja hawn fuq iccitata jirrizulta illi l-legislatur ried ighabbi lid-direttur u l-manager, jew funzjonarji ohra ta' socjeta' kummercjali bir-responsabbilta ghal hlas tal-erarju pubbliku, kif ukoll ghall-obbligi l-ohra fiskali. Gjaldarba jirrizulta illi l-appellant kien wiehed mid- diretturi tas-socjeta' mertu tal-kaz, kwindi ir-responsabbilta penali kienet taqa' fuqu ukoll tant illi l-ligi tqiesu personalment responsabbli u in solidum mad-diretturi l-ohra ghal hlasijiet kollha dovuti lill-Kummissarju.'*

L-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) vs Jeanne Borg'**[8] fejn inghad:

*'Illi l-appellanta dejjem saqhet li hi ma kellhiex il-gestjoni tas-socjeta' imsemmija. L-unika haga li ghamlet hi li gibdet l-attenzjoni ta' Joseph Balzan li kellhu jottempera ruhu mal-ligi. L- appellanta lanqas ma kienet firmatarja tal-kont jew kontijiet bankarji tas-socjeta' u il-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li hi kienet involuta f'xi mod fil-gestjoni ta' l-istess. Fil-fatt min imkien ma jirrizulta li l-appellanta ffirmat xi dokument li torbotha mal-gestjoni ta' din is- socjeta'. Frankament, izjed minn hekk l-appellanta ma setghetx taghmel u ir-rizenja taghha minn direttur kif ukoll minn "company secretary" huma xhieda ta' nuqqas ta' trasparenza fl- amministrazzjoni tas-socjeta' u ukoll nuqqas ta' djalogu fi hdan il-bord tad-diretturi.*

*Illi meta wiehed janalizza l-artikolu 13 ta' l-Att ta' l-Interpreatazzjoni, Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta ma hemm ebda dubju li r-reat askritt lill-appellanta sar minghajr it-taghrif taghha u fil- fehma ta' din il-Qorti hi ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat. Wiehed ma jridx jinsa dak li nqal hawn fuq li Joseph Balzan, li hu l-"managing director" tas-socjeta' ikkonsenja id-dokumenti lid-dipartiment fis-sena 2011.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellanta ma kellha ebda kontroll tas-socjeta'. Ma kellha ebda kontroll fuq il-finanzi tas-socjeta'. Makellha ebda kontroll fuq il-pagamenti tas-socjeta'. Ma kellha ebda kontroll fuq l-impjegati tas-socjeta' u ma kellha kontroll ta' xejn ta' din is-socjeta'.'*

Ghalhekk jirrizulta li l-Qrati mhux dejjem hadu l-istess linja rigwardanti l-applikabilita' o meno tal-artikolu 13 tal-Interpretation Act.

---

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Ottubru, 2017 (Appell numru: 281/2012)

Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) vs Carmelo Cutajar'**[9], il-Qorti ma qiesitx li l-artikolu 13 tal-Att tal-Interpretazzjoni ma japplikax. Qieset li:

*'Issa fl-ewwel parti tal-aggravju, l-appellant jissottometti li huwa ma kellux kontroll effettiv tal-kumpanija u li fi kwalunkwe każ għandu japplika l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249). Kien għalhekk li huwa xehed u tella' diversi xhieda sabiex juri kif id-diretturi l-oħra kienu prattikament imexxu kollox u li huwa ma kienx stmat fil-kumpanija.*

*Dwar dan l-Ewwel Onorabbli Qorti nnotat li l-appellant bagħat it-riżenja tiegħu fis-sena 2000 (fejn għalaq sittin sena kif wieħed jista' jara mill-ID Card). Sa dak iż-żmien ma kien għamel l-ebda ċaqliqa (u dan ikopri tliet snin li hemm indikati fiċ-ċitazzjoni: 1998, 1999 u 2000).*[10]

*Jista' jkun veru li r-relazzjonijiet mad-Diretturi l-oħra ma kinux mill-aħjar. Jista' jkun veru wkoll li l-appellant saħansitra kien jgħid lill-impjegati l-oħra biex imorru jkellmu lil ħutu dwar pagi jew leave. Iżda dawn l-istess fatti juru li l-impjegati l-oħra kienu xorta qegħdin iqisuh bħala persuna li għandu status differenti minn tagħhom. Il-Qorti mhix taċċetta l-argument li l-appellant għandu jkun liberat minn kull dmir li timponi fuqu l-liġi bħala direttur meta naqas li jikkonsulta sew ma' min jifhem f'din il- materja beix jara li jkun regolarizzat kollox. Għalhekk mhix qed taċċetta dik il-parti tal-aggravju mmarkata (a) għaliex mhix konvinta li l-appellant, bħala direttur, kien ħa dawk il-passi meħtieġa biex jara l-pożizzjoni korretta legali tiegħu u, sakemm din tkun iċċarata, jara li l-obbligi li jaqgħu fuq is-soċjeta' li tagħha kien direttur ikunu segwiti.'*

L-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

*'Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Frar, 2013 (Appell Kriminali Numru: 104/2012)

[10] Mill-fedina penali tal-appellant jidher li kien hemm diversi każi oħra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn l-appellant tħarrek bħala direttur (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hamsa (5) fis-sentenza citata.)

*ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:*

*Iżda, ħlief dwar reati taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'Att li fih hemm dispożizzjoni li tixbah id-dispożizzjoni ta'dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.*'

L-artikolu 2 tal-Kapitolu 249 jiddefinixxi '*Att*' bhala '*Att tal-Parlament u kull Att ieħor mgħoddi mill-Leġislatura ta' Malta u tinkludi kull kodiċi, ordinanza, proklama, ordni, regola, regolament, bye-law, avviż jew dokument ieħor ligħandu saħħa ta' liġi f'Malta barra minn kull dokument li għalih japplika l-Att tal-Parlament tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq imsejjaħ "The Interpretation Act, 1889"*'
Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant dwar l-applikabbilita tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta ghal kaz odjern. Il-ligi fiskali hija wahda specjali u tpoggi certu obbligi fuq persuni responsabbli ghall-obbligi fiskali. Ghalhekk gialadarba diretturi ghandhom obbligi fiskali fejn huma meqjusa responsabbli ghall-intavolar ta' formoli ta' taxxa u pagamenti ghan-nom tas-socjeta', l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax. Id-direttur huwa responsabbli personalment u in solidum mad-diretturi ohra ghal hlasijiet kollha dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxi, ghalhekk id-direttur huwa meqjus responsabbli ghal tali obbligi ghan-nom tal-kumpannija irrispettivament tal-irwol li huwa setgha kellu fil-kumpannija.

Dan l-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

In vista tal-fatt li hemm gurisprudenza kunfliggenti dwar l-applikabilita' tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta meta si tratta ta' nuqqasijiet taht l-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti sejra tordna li din is-sentenza tigi notifikata lil Ministru tal-Gustizzja sabiex isiru l-emendi necessarji sabiex jigu evitati interpretazzjonijiet konfliggenti.

Ikkunsidrat;
It-tieni aggravju u cioe' dak taht l-ittra 'b' jirrigwarda li l-appellant ezercita id-diligenza rikjesta taht l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249. Li l-artikolu 13 tal-Kapitou 249

jipprovdi protezzjoni lil dak id-direttur li jkun ezercita id-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat u li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha. Jghid li d-direttur Harrie Purdie kien primarjament responsabbli mill-gestjoni tan-negozju, filwaqt li l-irwol tal-appellant kien ta' investitur. Li l-kumpanija kellha problemi ta' likwidata u debiti fil-konfront ta' diversi kredituri, fosthom il-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Jghid li kien iddepozita s-somma ta' LM200,000 u dan qabel ma sar direttur huwa stess tas-socjeta' de quo.

Dwar dan, din il-Qorti tqis li mix-xhieda tal-appellant moghtija quddiem din il-Qorti kif preseduta jirrizulta li l-appellant kien ghamel din l-allegata *cash injection* ta' Lm220,000 waqt li kien direttur. F'wiehed mid-dokumenti prezentati mill-appellant u cioe' '*Annual Report and Financial Statements 31 December 2000*' f'pagna 17 ta' dak ir-rapport tnizzel li '*As per extraordinary resolution dated 21 December 2001 the company increased its authorised share capital by 220,000 shares of Lm1 each. The shares allotted were 220,000, 10% cumulative redeemable preference shares of LM1 each fully paid. The amounts due on this share allotment was settled through the capitalisation of the shareholder's and inter company current accounts.*' Fir-rapport '*Annual Report and Financial Statements 31 December 2001*' f'pagna 1 tnizzel li:

'*The company's poor operating results over the past years has lead to a deterioration in the capital base of the company. The directors have addressed this matter, and during the year have strenghtened the capital base by increasing the share capital by issuing 220,000 10% cumulative redeemable preference shares of LM1 each fully paid on allotment.*

*The directors believe that, although not matching expectations, the operations of the company should remain on a fairly consistent level as registered this year. Measures to improve profitability of the company are also in hand as an aggressive cost cutting exercise is to be implemented which should help to improve profitability of the company.*

*Written undertakings have been obtained from the shareholders to continue to financially support the company for the forseeable future in order to enable it to meet all of its trading liabilities as and when they fall due.*'

L-appellant fir-rikors tal-appell jissottometti li ghalkemm id-Direttur azzjonista l-iehor kellu wkoll jinvesti ammont ekwivalenti, dan qatt ma sar. Jghid li l-appellant kien ta' l-ordni lid-Direttur Harrie Purdie biex juza il-LM200,000 sabiex jhallas l-ammonti kollha dovuti lil Kummissajru tat-Taxxa Interni relattiv ghad-dokument annwali FS3 u FS5 izda fl-2005 Purdie sparixxa minn Malta u ma dehrx iktar. Fis-sena 2005 gie infurmat mill-awdituri tas-socjeta' li l-hlasijiet ma kienux saru u l-flus baqghu ma ntuzawx minn Purdie ghal iskop originali taghhom. Din il-Qorti fl-ewwel lok tqis li minkejja din l-allegazzjoni li l-cash injection ma ntuzax ghall-iskop li nghatat, l-appellant ma ressaq l-ebda prova li huwa kien irraporta dan l-agir li jista' jaqa' taht ir-reat ta' approprijazzjoni indebita lil Pulizija. Ghaldaqstant, din l-allegazzjoni lanqas ma giet pruvata sal-grad tal-probabli.

Jekk ghal grazzja tal-argument biss kellu jinghad li l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni japplika anke ghal reati taht il-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta, mix-xhieda tal-appellant lanqas ma jirrizulta li l-appellant ghamel dak kollu mehtieg sabiex jaccerta li dan ir-reat ma jsirx. Meta l-imputat quddiem din il-Qorti in kontro-ezami gie mistoqsi '*imma ħadt ħsieb inti li tara li dawn id-debts li kellhom attwalment jitħallsu*' wiegeb li le. Halla f'idejn Perdy u l-istaff ta' Perdy. Jghid li kien Harry Perdy li kellu '*full control of the company*'. Ghalhekk huwa evidenti li l-appellant ha pozizzjoni passiva. Relevanti huwa l-fatt li ghalkemm l-awdituri qalulu li kien baqa dejn inkluz rigward taxxa, ma jirrizulta li ghamel xejn biex din is-sitwazzjoni tigi regolata. Wiehed ma jistax bhala direttur jiehu pozizzjoni passiva minghajr jaccerta ruhu li l-obbligi fiskali jkunu rispettati. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 fuq il-persuna responsabbi. Din il-Qorti qieghda tifhem li dan l-aggravju jirrigwarda t-tieni proviso ta' dan is-subartikolu li jaqra:

*'Iżda wkoll ir-reat taħt dan l-artikolu jibqa' jeżisti sakemm min jagħmel ir-reat ikun ikkonforma ma' u ħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih.'*

Dan is-subartikolu kien ennumerat b'mod differenti qabel l-Att V tal-1998 u in oltre fl-Att V tal-1998 gie mnizzel li '*fit-tieni proviso li hemm mas-subartikolu, minflok il-kliem "jew ta' kull regola magħmula bis-saħħa tiegħu." għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' kull regola msemmija fih.*"

Skont l-appellant il-legislatur ma kienx qieghed jinvoka l-vicarious liability ghal kull persuna li tokkupa l-kariga ta' direttur fil-mument ta' ksur ta' din il-ligi anzi l-oppost. Ried il-legislatur li jkun *prosecutable at law and liable for punishment at law* dik il-persuna li kienet responsabbli mill-hlas tal-istess sommom lid-dipartiment koncernat. Jissottometti li l-insistenza tal-kummissarju tat-taxxi interni li kull min huwa direttur huwa awtomatikament responsabbli hija bir-rispett pwerili. Jaghmel referenza ghal piena taht l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372. Jissottometti li l-appellant ipprova sal-grad tal-probabbli li ma kienx huwa l-persuna responsabbi mill-hlasijiet dovuti u wisq anqas mill-mili tal-formli relattivi. Li hawn si tratta ta' culpa u li l-prosekuzzjoni lanqas ma rnexxielha tilhaq il-livell tal-prova minnha mistenni li effettivament uriet certa nonkuranza u/jew traskuragni da parti tal-appellant vis-sa-vis il-kapitolu 372. Kif gia inghad jirrizulta li traskuragni da parti tal-appellant kien hemm stante li ma hax hsieb jassigura li l-obbligi fiskali jigu rispettati.

Dwar dan it-tieni proviso taht l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis li dak li jrid ifisser dan il-proviso huwa li Direttur jew il-persuna li ghandha r-responsabbilita' li tottempra ruhu mal-provvediment tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta stante li mhuwiex biss Direttur li huwa responsabbli ghal hlasijiet ta' taxxa, izda fejn non si tratta ta' kumpannija, il-pagatur xorta wahda huwa responsabbli, jibqa' responsabbli ghal tali hlas anke wara li jkun spicca minn dik il-kariga. Jigifieri l-fatt li Direttur jirrizenja mill-kariga tieghu ma jfissirx li huwa ma jkunx ghadu responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi ghal tali hlasijiet u obbligi.

Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) Vs George Vella</u>**'[11]

*'Il--proviso ta' l-Artiklu 23(13), jipprovdi li r-reat jibqa' jezisti "sakemm min jaghamel ir-reat . . ." Dawn il-kliem ifissru illi r-responsabilta tad-direttur jew min ghandu fuqu r-responsabilta' illi jottempra ruhu mal-provvidimenti tal- Kap. fuq imsemmi 372 jibqa responsabbli versu l- Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spicca minn direttur. Peress illi l-kliem "min jaghmel ir-reat" ma fiha l-ebda definizzjoni partiklulari ta' kariga rrespittivament jekk dak li jkun jkunx ghadu direttur jew le. Jekk ma jkunx ghadu direttur allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi hu kien fl-impossibilta illi jottempra ruhu mal-ligi minhabba raguni jew ohra. Jekk direttur jirrizenja fi zmien partikulari volontarjament, allura volontarjament ikun ghalaq il-bieb sabiex jottempra ruhu mal-ligi u fil- konfront tieghu, l-preskrizzjoni ma tapplikax u l-proviso ta' l-Artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa' jissustissi fil-konfront tieghu.*

*Jekk minn naha 'l ohra direttur jimrad b'tali mod illi jkun fl- inkapacita illi jottempra ruhu mal-ligi jew inkella kontra l- volonta tieghu jitnehha minn direttur qabel ma jkun jista' jaqdi l-obbligazzjonijiet tieghu versu l-Kummissarju tat- Taxxi Interni allura hawn hekk hija kwistjoni ohra u l- appellat ikun jista' jqajjem b'success id-difiza ta' mpossibilita. Pero' din il-prova jrid igibha l-appellat jew id- direttur koncernat illi juri lill-Qorti almenu sal-grad ta' probabbilita illi huwa kien fl-impossibilita' illi hu jaqdi d- doveri tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fin- nuqqas ta' din il-prova l-appellat jew direttur jibqa' responsabli ghal zmien indefinit stante illi r-reati kontemplati taht il-Kap. 372 huma reati permanenti.*

*F'din il-kawza skond l-istess Sentenza l-appellat irrizenja minn kariga ta' direttur tas-socjeta fit-28 ta' Novembru, 1998. Minn dicitura ta' din is-Sentenza din il-Qorti tifhem illi din ir-rizenja kienet wahda volontarja u l-istat anti guridiku dahal fih volontarjament u quindi ma jistax f'dan l-istadju jecepixxi d-difiza ta' l-impossibilita' u r- responsabilta' tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni tibqa' vigenti. Il-preskrizzjoni fil-konfront tieghu tibqa' ghaddejja sakemm huwa jottempra ruhu mal-ligi. Ghalhekk l-azzjoni fil-konfront ta' l-appellat mhijiex preskritta. Din il-Qorti sejra tillimita din id-decizjoni ghal din id-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' preskrizzjoni peress illi ma tistax tidhol fil-meritu ghax dan ma giex iddibattut quddiemha u x-xhieda lanqas ma giet riprodotta fl-Atti quddiem l-ewwel*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Dicembru, 2011 (Appell Kriminali Numru: 142/2011)

*Qorti.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) vs Maria Filippa Bondin'</u>**[12] inghad li:

*'Il-proviso ta' l-Artiklu 23(13), jipprovdi li r-reat jibqa' jezisti "sakemm min jaghamel ir-reat . . ." Dawn il-kliem ifissru illi r-responsabilta tad-direttur jew min ghandu fuqu r-responsabilta' illi jottempra ruhu mal-provvidimenti tal- Kap. fuq imsemmi 372 jibqa responsabbli versu l- Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spicca minn direttur. Peress illi l-kliem "min jaghmel ir-reat" ma fiha l-ebda definizzjoni partiklulari ta' kariga rrespittivament jekk dak li jkun jkunx ghadu direttur jew le. Jekk ma jkunx ghadu direttur allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi hu kien fl-impossibilta illi jottempra ruhu mal-ligi minhabba raguni jew ohra. Jekk direttur jirrizenja fi zmien partikulari volontarjament, allura volontarjament ikun ghalaq il-bieb sabiex jottempra ruhu mal-ligi u fil- konfront tieghu, l-preskrizzjoni ma tapplikax u l-proviso ta' l-Artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa' jissustissi fil-konfront tieghu.*

*Jekk minn naha 'l ohra direttur jimrad b'tali mod illi jkun fl- inkapacita illi jottempra ruhu mal-ligi jew inkella kontra l- volonta tieghu jitnehha minn direttur qabel ma jkun jista' jaqdi l-obbligazzjonijiet tieghu versu l-Kummissarju tat- Taxxi Interni allura hawn hekk hija kwistjoni ohra u l- appellat ikun jista' jqajjem b'success id-difiza ta' mpossibilita. Pero' din il-prova jrid igibha l-appellat jew id- direttur koncernat illi juri lill-Qorti almenu sal-grad ta' probabbilita illi huwa kien fl-impossibilita' illi hu jaqdi d- doveri tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fin- nuqqas ta' din il-prova l-appellat jew direttur jibqa' responsabli ghal zmien indefinit stante illi r-reati kontemplati taht il-Kap. 372 huma reati permanenti.'*

Ghalhekk f'din is-sentenza il-kliem '*min ghandu fuqu r-responsabilta*'' ma jfissirx li mhux kull Direttur ghandu din ir-responsabbilta' izda qed jirreferi ghad-Direttur jew ghal kwalunkwe persuna ohra li ghandha din ir-responsabbilta' li jibqa' responsabbli anke wara li jkun spicca mill-kariga tieghu fosthom ta' Direttur.

Mix-xhieda ta' Stephen Azzopardi moghtija fil-hdax (11) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) jirrizulta li l-FS7 u l-FS3 gew sottomessi kollha ghas-snin in kwistjoni.

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Dicembru, 2011 (Appell Kriminali Numru: 144/2011)

Dwar l-FS5 il-pagamenti saru fuq 1998 sar zewg pagamenti ghal Frar u Marzu, fit-2002 sar pagament fuq Dicembru u li kien ukoll late payment, 2005 saru pagamenti ghal Jannar u Frar u l-bqija fuq is-snin l-ohra ma sar l-ebda' pagament. Dawn suppost l-FS 5 jithallsu kull xahar. Ghalhekk jirrizulta li ghalkemm il-formoli FS 3 U FS7 gew ipprezentati, ma sarux il-hlasijiet kollha dovuti ghal dawn is-snin.

Fin-nota ta' sottomissjoni tal-appellant huwa jissottometti li l-ammonti dovuti huma incerti u fl-assenza ta' ammont cert, l-appellant ma jista' qatt jinstab hati u ihallas kwalunkwe ammont. Ghalhekk jissottometti li l-Prosekuzzjoni ma rnexixeliex tipprova sufficentement l-imputazzjonii migjuba kontra l-appellant u ghalhekk ghandu jigi liberat minnha. L-Avukat Generali fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jissottometti li dan qatt ma tqajjem fir-rikors tal-appell, ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-appellant f'dan ir-rigward.

Dwar dan, din il-Qorti tqis li nonostante l-fatt li x-xhieda kellhom jergghu jinstemghu quddiem din il-Qorti, sottomissjonijiet maghmulha fin-nota ta' sottomissjoniet xorta jridu **jkunu fil-parametri ta' dak li jiprovdi r-rikors tal-appell u ma jistghu imorru oltre'**. Gialadarba ma hemm l-ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti hija prekluza milli tikkunsidra din is-sottomissjoni.

Ghaldaqstant tenut kont tal-fatt li din il-Qorti qieghda tichad l-aggravju minn 'a' sa 'c' imressqa, din il-Qorti qieghda tikkonferma l-htija misjuba mill-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi r-raba' aggravju u cioe' dak bl-ittra 'd' jirrigwarda l-applikabilita tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan l-aggravju jissottometti li minhabba c-cirkostanzi tal-kaz odjern, fejn l-appellant investa LM200,000 sabiex jithallsu l-pendenzi mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, pero' dan qatt ma sehh peress li d-direttur l-iehor li kien jiehu hsieb il-gestjoni tal-kumpanija sparixxa, jemmen li jista' jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Jissottometti li stante li kien fid-dlam u qatt ma setgha jkun jaf x'kien ghaddej fis-socjeta' u dwar l-agir tad-direttur Harry

Purdie fil-gestjoni tal-istess, li meta d-direttur l-iehor sparixxa fl-2005 l-appellant kellu jiehu f'idejh it-tmexxija ta-istess socjeta'. Kien f'dak iz-zmien li gie infurmat mil-Awdituri tal-kumpanija li kienu jezistu pendenzi fiskali fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi interni. Jghid li waqt li kien qieghed jiehu hsieb il-gestjoni ta' din is-socjeta' bejn l-2005 u l-2007 dejjem ezercita l-ahjar mod li setgha biex id-dokumenti annwali u t-taxxa dovuta lil Kummissarju jigu mhallsa fil-hin. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan jirrizulta li anke is-snin 2005, 2006 u 2007 huma mertu ta' dawn il-proceduri fejn f'dawk it-tlett snin saru ftit pagamenti tal-elfejn u hamsa (2005) u ghalhekk lanqas f'dawn is-snin l-appellant ma ottempera ruhu mal-ligi. Minkejja li l-appellant jghid li l-problemi ta' likwidita li kellha s-socjeta' kien tort attribwibli biss lil Purdie tant li kellha twaqqaf l-operat taghha fl-elfejn u sebgha (2007), din il-Qorti tqis li kif inghad bhala wiehed mid-Diretturi, l-appellant kellu l-obbligu li jaderixxi mal-ligijiet fiskali. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tapplika l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant fin-nota ta' sottomissjonijeit tieghu jaghmel sottomissjnijiet ukoll dwar *late return penalties* u *late payment penalties*. Jaghmel anke referenza ghal kazistika dwar dawn il-*late payment penalties*. Dan ukoll mhuwiex parti mill-aggravju tal-appellant u ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli tikkunsidra oltre' dak imnizzel fl-aggravji fir-rikors tal-appell.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu in kwantu tirreferi ghan-nuqqasijiet tas-socjeta' Country Style (Malta) Limited u fejn ikkundannatu ghal mitejn ewro (€200) multa u multa addizjonali ta' erbgha ewro (€4.00) ghal kull jum li matul jkompli n-nuqqas. Din il-multa addizjonali tidhol fis-sehh <u>mid-data ta' din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali</u>.

Din il-Qorti qieghda tirrevoka l-ordni kif maghmulha mill-Ewwel Qorti ai termini tal-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta u qieghda in segwitu tal-Att XII tal-2014 ai termini tal-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta twissi lill-imputat li jekk fi zmien hames snin jerga' jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le)

tinghata sentenza, b'zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija jew ta' multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500); u persuna hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija snin, minkejja kull haga li tinstab fl-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem jew multa ta' hamest'elef ewro (€5000), b'zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Din il-Qorti in vista ta' sentenza kunfliggenti dwar l-applikabilita' tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta meta si tratta ta' nuqqasijiet taht l-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda tordna li din is-sentenza tigi notifikata lil Ministru tal-Gustizzja sabiex isiru l-emendi necessarji sabiex jigu evitati interpretazzjonijiet konfliggenti.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur